MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2014

Numru 30/2013

Att ta' Akkuża numru 30/2013

Ir-Repubblika ta' Malta

kontra

Paschalino Cefai

Il-Qorti,

Rat l-att ta' Akkuza numru 30/2013 mahruga mill-Avukat Generali kontra Paschalino Cefai [detentur tal-karta tal-identita` numru 52480 (M)] fejn

L-Avukat Generali fl-ewwel kap ippremetta:

Illi fis-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2012) għall-ħabta ta' nofs in-nhar (12:00pm), il-Pulizija tar-Rabat, Għawdex irċevew telefonata mill-Qrati tal-Ġustizzja (Għawdex) fejn ġie rrapurtat li kien għadu kif seħħ *stabbing* ġewwa l-awla tal-Maġistrat Josette Demicoli waqt li kienet qed tippresjedi seduta fis-sede Ċivili fl-istess Qorti. Meta l-pulizija marru fuq il-post tal-inċident kien hemm diversi persuni, fosthom Joseph Portelli qua il-vittma tal-aggressjoni li kien mindud għal tulu mal-art fi stat imdemmi u ferut gravement filwaqt li kien qed jingħata l-ewwel kura u attenzjoni medika. Irriżulta li Joseph Portelli kien fil-periklu li jitlef ħajtu kaġun ta' diversi daqqiet ta' strument li jaqta' jew bil-ponta li lkoll ġew iċċertifikati bħala feriti gravi u li kienu għadhom kif ġew inflitti fuqu minn Paschalino Cefai *qua* l-akkużat f'dawn il-proċeduri.

Illi mill-investigazzjoni u mill-fatti jirriżulta li, l-akkużat u l-vittma kellhom diversi pendenzi fil-Qorti kontra xulxin fosthom kawza fejn Portelli bħala kreditur ta' Cefai kien talab is-sekwestru ta' vetturi fuq isem l-akkużat a saldu tad-dejn dovut lilu. Effettivament dakinhar tal-inċident kien hemm seduta appuntata għall-ħabta tal-ħdax u nofs ta' filgħodu (11:30am) fil-Qorti t'Għawdex fis-sede Ċivili sabiex tingħata deċizjoni fuq din it-talba. Waqt din is-seduta li kienet ippreseduta mill-Maġistrat tal-Qorti Dr. Josette Demicoli kien hemm preżenti kemm l-akkużat u l-vittma debitament irrapreżentati mill-legali tagħhom kif ukoll id-deputat reġistratur addett mal-Maġistrat, il-marixall tal-Qorti u diversi persuni oħra li kienu qedgħin jistennew it-turn tagħhom għal kawżi oħrajn. Jidher illi filwaqt tas-smiegħ tal-kawża u waqt li l-avukati rappreżentanti tal-vittma u tal-akkużat kienu qedgħin jagħmlu t-trattazzjonijiet tagħhom fuq din il-kwistjoni, l-akkużat beda jgħaddi ħafna kummenti ta' disapprovazzjoni sal-punt li ddisturba lill-Maġistrat Demicoli li kienet qed tippresjedi l-Qorti, tant li widbitu diversi drabi sabiex ma jkomplix jinterrompi l-andament tal-proċeduri. Fost dawn il-kummenti l-akkużat instema jgħid li l-kwistjoni ta bejnu u l-vittma 'ma kinitx ser tieqaf hemmhekk'. Kien f'dan il-punt li l-Qorti keċċietu l-barra mill-Awla u filwaqt li obda l-ordnijiet tal-Qorti, malli ħareġ l-akkużat reġa daħal fl-awla waqt li din kienet għada in sede fejn ħebb għall-vittma Joseph Portelli b'sikkina li kien qed iġorr fuqu f'dak il-mument u bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħdlu ħajtu f'periklu ċar, l-akkużat taħ diversi daqqiet ta' sikkina fuq spallejħ, dahru, għonqu u partijiet oħrajn ta' ġismu. Irriżulta filfatt li l-vittma Portelli subixxa erbatax –il (14) daqqa konsistenti minn *stab wounds* u *incised wounds* b'kollox b'din is-sikkina u ġie ċċertifikat mit-tabib li taħ l-ewwel għajnuna li seta' jitlef ħajtu.

Illi fortunatament xi uħud mill-persuni li kienu preżenti fl-awla u li raw din l-aggressjoni sseħħ fosthom l-avukat tal-vittma kif ukoll tal-akkużat u l-*personnel* tal-Qorti li kienu fl-awla f'dak il-mument, intervjenew sabiex iwaqqfu lill-akkużat milli jkompli l-aggressjoni tiegħu fuq Joseph Portelli billi ppruvaw jikkontrollawħ filwaqt li ppruvaw jiddefendu lill-imsemmi vittma. Effettivament waqt din it-taqbida l-akkużat irreżista li jieqaf milli jaggredixxi lill-vittma tant illi kien hemm anki persuni fost dawk li intervjenew li ġew feruti ukoll. Meta eventwalment l-akkużat twaqqaf, hu ħarab minn fuq il-post fejn madwar siegħa u nofs wara dan l-inċident u wara li l-pulizija kienu qedgħin jippruvaw jintraċċawħ, l-akkużat mar l-għassa tar-Rabat, Għawdex fejn ġie arrestat. Grażżi ukoll għall-prontezza tal-intervent mediku kif ukoll għall-kuri

li ngħataw lill-vittma fl-isptar, u allura għall-raġunijiet indipendenti u aċċidentali mir-rieda tal-imsemmi Paschalino Cefai, Joseph Portelli ma tilifx ħajtu.

Illi b'għemilu l-imsemmi Paschalino Cefai sar ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe` talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (Joseph Portelli) jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tiegħu.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Paschalino Cefai datati bejn is-16 ta' Marzu 2010 u t-12 ta' April 2012, kif ukoll qabel dawn id-dati, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Paschalino Cefai, reċidiv f'delitt, ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe` talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tiegħu; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux aktar minn tletin sena ħabs (30), b'żieda bil-piena tar-reklużjoni għal mhux aktar minn tnax il-perijodu jew biż-żieda ta' regolamenti oħra stabbiliti mill-ħabs, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211(1)(2), 31(1)(a)(b)(d)(e), 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Paschalino Cefai kiser il-kundizzjoni imposta fuqu bis-sentenża tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Paschalino Cefai datata l-25 ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) u dan billi kkometta reat/i volontarji li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża (tmintax –il xahar priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' tlett snin) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għaldaqstant l-Avukat Ġenerali jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenza sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

L-Avukat Generali fit-tieni kap ippremetta:

Illi waqt l-inċident in kwistjoni mertu ta' l-ewwel kap ta' din l-att tal-akkuża u ċioe` dakinhar tas-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2012) fil-bini tal-Qorti fil-Vittoria, Għawdex, fost dawk il-persuni li intervjenew sabiex iwaqqfu l-aggressjoni u jassistu lill-vittma kien hemm l-avukat tal-istess Portelli, Dr. Kevin Monpalao li kien qiegħed viċin ħafna tat-taqbida bejn l-akkużat u l-vittma debitament rappreżentat minnu. Fil-kors tal-aggressjoni li l-akkużat kien qed

jikkometti kontra l-vittma Portelli u senjatament meta kien hemm min intervjena sabiex iwaqqfu lill-akkużat milli jkompli fl-aġir tiegħu, l-istess akkużat ta daqqa (laċerazzjoni) bl-istess sikkina li kien qed juża fl-aggressjoni kontra l-vittma fuq driegħ id il-leminijia tal-Avukat Monpalao. Effettivament l-Avukat Monpalao kellu jingħata l-kura meħtieġa fejn ġie ċċertifikat li kien qed issofri minn ferita gravi u wara li ġie analiżżat mill-espert mediku debitament maħtur, irriżulta li l-inċizjoni fuq dirgħajħ kellha tiġi suturata u kienet ser tħalli marka permanenti fuq ġisem l-avukat. B'hekk din il-ferita kkaġunata mill-akkużat fuq dirgħarjn il-vittma Monpalao ikkaġunatlu sfreġju gravi u permanenti f'waħda mill-idejn tal-istess vittma li skond il-liġi tagħna hija kkalssifikata bħala ferita gravissima.

Illi b'għemilu l-imsemmi Paschalino Cefai sar ħati ta' offiżi gravi fuq il-persuna u ċioe` talli, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ fl-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Paschalino Cefai datati bejn is-16 ta' Marzu 2010 u t-12 ta' April 2012, kif ukoll qabel dawn id-dati, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Paschalino Cefai, reċidiv f'delitt, ħati ta' offiża gravi fuq il-persuna u ċioe` talli, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ fl-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż; jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux inqas minn disa xhur u mhux anqas minn tnax-il snin priġunerija skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 218(1)(b)(2), 12, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Paschalino Cefai kiser il-kundizzjoni imposta fuqu bis-sentenża tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Paschalino Cefai datata l-25 ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) u dan billi kkometta reat/i volontarji li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża (tmintax –il xahar priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' tlett snin) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għaldaqstant l-Avukat Ġenerali jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenza sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

L-Avukat Generali fit-tielet kap ippremetta:

Illi waqt l-inċident in kwistjoni mertu ta' l-ewwel u t-tieni kap ta' din l-att tal-akkuża u ċioe` dakinhar tas-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2012) fil-bini tal-Qorti fil-Vittoria, Għawdex, fost dawk il-persuni li intervjenew sabiex iwaqqfu l-aggressjoni u jassistu lill-vittma

kien hemm Michelangelo Bajada li dakinhar kien qed jagħmel xogħol ta' Marixxal mal-Awla tal-Maġistrat Demicoli u li kien preżenti waqt it-taqbida bejn l-akkużat u l-vittma. Fil-kors tal-aggressjoni li l-akkużat kien qed jikkometti kontra l-vittma Portelli u senjatament meta kien hemm min intervjena sabiex iwaqqfu lill-akkużat milli jkompli f-aġir tiegħu, l-istess akkużat filwaqt li kien qed jirreżisti milli jieqaf jikkometti l-aggressjoni fuq Portelli imbotta *stand* tal-ħadid ħdejn il-pedana tax-xhieda li waqgħet fuq sieq ix-xellugija tal-imsemmi Michalangelo Bajada fejn safa ferut. Effettivament Michalangelo Bajada kellu jingħata l-kura medika fejn ġie ċċertifikat li kien soffra ferita ħafifa taħt irkoptu tas-sieq il-leminija tiegħu.

Illi b'għemilu l-imsemmi Paschalino Cefai sar ħati talli mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkaġuna ferita ħafifa fuq il-persuna ta' Michalangelo Bajada.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Paschalino Cefai datati bejn is-16 ta' Marzu 2010 u t-12 ta' April 2012, kif ukoll qabel dawn id-dati, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Paschalino Cefai, reċidiv f'delitt, ħati talli mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkaġuna ferita ħafifa; jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux anqas minn sitt xhur priġunerija skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 221(1), 12, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Paschalino Cefai kiser il-kundizzjoni imposta fuqu bis-sentenża tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Paschalino Cefai datata l-25 ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) u dan billi kkometta reat/i volontarji li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża (tmintax –il xahar priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' tlett snin) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għaldaqstant l-Avukat Ġenerali jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenza sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

L-Avukat Generali fir-raba' kap ippremetta:

Illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fl-ewwel kapi ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe` dakinhar tas-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2012) fil-bini tal-Qorti fil-Vittoria, Għawdex, jirriżulta li l-akkużat Pachalino Cefai, kellu strument li jaqta jew bil-ponta senjatament sikkina fil-pussess tiegħu u dan waqt li dolożament, bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Joseph Portelli f'periklu ċar għamel tentattiv fuq ħajtu, u aggredieh fiċ-ċirkostanżi msemmija fl-ewwel kap. In oltre kif jirriżulta mit-tieni kap ta' din l-att tal-akkuża u fl-istess data, irriżulta

wkoll li l-akkużat Cefai ferixxa b'din l-arma b'mod gravi lill-Avukat Kevin Monpalao li kien ir-rappreżentant legali tal-istess vittma Joseph Portelli u li kien preżenti ukoll fl-awla tal-Qorti dakinhar tal-aggressjoni. Kwindi fil-mument ta' dawn id-delitti, l-akkużat kellu fuq il-persuna tiegħu din is-sikkina meqjusa bħala arma regolari ai fini tal-liġi tagħna, u liema arma ġiet effettivament użata b'mod xjenti fil-kommissjoni ta' l-imsemmija delitti volontarji kontra l-persuni ta' Joseph Portelli u l-Avukat Monpalao.

Illi b'għemilu l-imsemmi Paschalino Cefai sar ħati talli, fil-waqt li jkun qed jagħmel reat kontra l-persuna u/jew fil-waqt li qed jiġi arrestat għal delitt, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, u dan mingħajr għan leġittimu.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Paschalino Cefai datati bejn is-16 ta' Marzu 2010 u t-12 ta' April 2012, kif ukoll qabel dawn id-dati, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Paschalino Cefai, reċidiv f'delitt, ħati talli, fil-waqt li jkun qed jagħmel reat kontra l-persuna u/jew fil-waqt li qed jiġi arrestat għal delitt, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, u dan mingħajr għan leġittimu; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn ħames snin (5)skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 55(a)(b) ta' L-Att dwar l-Armi (Kap 480) u l-artikoli 23, 49, 50, 64(1) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Paschalino Cefai kiser il-kundizzjoni imposta fuqu bis-sentenża tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Paschalino Cefai datata l-25 ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) u dan billi kkometta reat/i volotarji li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża (tmintax –il xahar priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' tlett snin) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għaldaqstant l-Avukat Ġenerali jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenza sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

L-Avukat Generali fil-hames kap ippremetta:

Illi fiż-żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioe` dakinhar tas-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2012) fil-bini tal-Qorti fil-Vittoria, Għawdex, l-akkużat Paschalino Cefai, kellu f'idejħ sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta mingħajr ma kien debitament liċenżjat mill-Kummissarju tal-Pulizija. Huwa filfatt ġar l-arma fuq il-persuna tiegħu u għamel użu xjenti u maħsub minn din is-sikkina permezz ta' liema

kkaġuna diversi ġrieħi gravi fuq il-vittmi, senjatament fuq Joseph Portelli filwaqt li kien qed jagħmel tentattiv fuq ħajtu jew li jqegħdlu ħajtu f'periklu ċar u fil-konfront tal-Avukat Monpalao fejn ikkaġunalu feriti ta' natura gravi u permanenti ammontanti fi sfreġju.

Illi b'għemilu l-imsemmi Paschalino Cefai sar ħati talli, ġarr barra minn fond jew dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr liċenzja jew permezz mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Paschalino Cefai datati bejn is-16 ta' Marzu 2010 u t-12 ta' April 2012, kif ukoll qabel dawn id-dati, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Paschalino Cefai, reċidiv f'delitt, ħati talli, ġarr barra minn fond jew dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr liċenzja jew permezz mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija; jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' tlett xhur priġunerija (3) skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 6 u 51(7) tal-Att dwar l-Armi (Kap 480), u l-artikoli 23, 30, 31(1)(f), 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Paschalino Cefai kiser il-kundizzjoni imposta fuqu bis-sentenża tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Paschalino Cefai datata l-25 ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) u dan billi kkometta reat/i volontarji li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenża sospiża (tmintax –il xahar priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' tlett snin) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għaldaqstant l-Avukat Ġenerali jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenża sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

L-Avukat Generali fis-sitt kap ippremetta:

Illi finalment minħabba l-aġir tal-akkużat Paschalino Cefai mertu tal-kapi preċedenti ta' din l-att ta' akkuża u ċioe` fiż-żmien u fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-kapi preċedenti, dakinhar tas-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2012) fil-bini tal-Qorti fil-Vittoria, Għawdex, irriżulta li waqt il-kummissjoni ta' dawn ir-reati l-akkużat Cefai kien qiegħed igawdi mill-ħelsien mill-arrest kif imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja f'kawża oħra kontriħ fl-ismijiet Pulizija vs Paschalino Cefai u George Frendo u ppreseduta mill-Maġistrat Myriam Hayman. Dawn il-kundizzjonijiet ġew imposti fuqu permezz ta' digriet nhar is-sebgħa (7) ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħdax (2011) fejn waħda mill-kundizzjonijiet hemm imposti hi li l-

akkużat Cefai ma jistax jikkometti reat ieħor ta' natura volontarja waqt it-tgawdija ta' dawn il-kundizzjonijiet (ir-raba kundizzjoni). Illi evidentement bl-għemil kommess kif rifless f'din l-att tal-akkuża, l-akkużat Cefai ikkometta iktar minn reat wieħed ta' natura volontarja f'dan l-istess perijodu ta' tgawdija u b'hekk bi ksur tal-liġi u ta' dawn il-kundizzjonijiet.

Illi b'għemilu l-imsemmi Paschalino Cefai sar ħati talli naqas milli josserva xi kondizzjoni imposta mill-Qorti fid-digriet tagħha li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest, jew waqt li kien meħlus mill-arrest ikkometta delitt li ma kienx wieħed ta' natura involontarja.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Paschalino Cefai datati bejn is-16 ta' Marzu 2010 u t-12 ta' April 2012, kif ukoll qabel dawn id-dati, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Paschalino Cefai, reċidiv f'dellitt, ħati talli naqas milli josserva xi kondizzjoni imposta mill-Qorti fid-digriet tagħha li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest, jew waqt li kien meħlus mill-arrest ikkometta dellitt li ma kienx wieħed ta' natura involontarja; jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux aktar minn disa' xhur (9), jew għal multa u priġunerija flimkien kif ukoll għall-konfiska tal-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija favur il-Gvern ta' Malta skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 579(1)(2), 23, 30, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi Paschalino Cefai kiser il-kundizzjoni imposta fuqu bis-sentenża tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Paschalino Cefai datata l-25 ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) u dan billi kkometta reat/i volontarji li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża (tmintax –il xahar priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' tlett snin) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għaldaqstant l-Avukat Ġenerali jitlob ir-riattivazzjoni tas-sentenza sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

Rat l-atti ta' l-process;

Rat il-verdett tal-gurati tat-13 ta' Gunju, 2014 li bih:

**L-Ewwel Kap**

Il-gurati b' **sitt (6) voti** favur u bi **tlett (3) voti** kotnra isibu lil Paschalino Cefai mhux hati tal-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza izda hati tar-reat kompriz u involut li, minghajr il-hsieb li joqtol lil Josef Portelli jew iqieghdlu hajtu f'periklu car, ikkagunalu ferita ta' natura gravi li tidhol f'wahda mill-kavitajiet tal-gisem u dana b'arma regolari jew bi strument li jaqta' jew iniggez.

**It-Tieni Kap**

Il-gurati **unanimament** isibu lil Paschalino Cefai mhux hati skond it-Tieni kap tal-Att tal-Akkuza izda hati talli kkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Dr. Kevin Mompalao u dana b'arma regolari jew bi strument jaqta jew bil-ponta.

**It-Tielet Kap**

Il-gurati bi **tmien (8) voti** favur u b' **vot (1)** kontra isibu lil Paschalino Cefai hati skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.

**Ir-Raba' Kap**

Il-gurati **unanimament** isibu lil Paschalino Cefai hati skond ir-raba' Kap tal-Att tal-Akkuza.

**Il-Hames Kap**

Il-gurati **unanimament** isibu lil Paschalino Cefai hati skond il-Hames Kap tal-Att ta' Akkuza.

Rat id-digriet taghha tal- 5 ta' Gunju, 2014, fejn il-Qorti ordnat illi l-ahhar kap dwar il-ksur tal-kundizzjonijiet tal-liberta provizjorja ma jinqarax lill-gurati u wara l-verdett, hekk ikun hemm verdett ta' htija, dan il-kap jinqara u jinghata lil gurija sabiex tiddeciedi fuqhu.

Rat il-verdett fuq is-sitt kap tat-13 ta' Gunju, 2014:

**Is-Sitt Kap**

Il-Gurati **b'vot unanimu** qieghdin isibu lil Paschalino Cefai hati skond is-sitt kap tal-att tal-akkuza.

Rat il-verbal tad-difiza fejn iddikjarat li mhux qed tikkontesta l-adebitu tar-recidiva.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurija, tiddikjara lil Paschalino Cefai, recidiv f'delitt u hati talli:

1. Fis-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2012) għall-ħabta ta' nofs in-nhar (12:00pm), fil-bini tal-Qorti, Ghawdex, minghajr il-hsieb li joqtol lil Josef Portelli jew iqieghdlu hajtu f'periklu car, ikkagunalu ferita ta' natura gravi li tidhol f'wahda mill-kavitajiet tal-gisem u dana b'arma regolari jew bi strument li jaqta' jew iniggez.
2. Fis-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2012) għall-ħabta ta' nofs in-nhar (12:00pm), fil-bini tal-Qorti, Ghawdex, kkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Dr. Kevin Mompalao u dana b'arma regolari jew bi strument jaqta jew bil-ponta.
3. Fis-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2012) għall-ħabta ta' nofs in-nhar (12:00pm), fil-bini tal-Qorti, Ghawdex, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkaġuna ferita ħafifa fuq il-persuna ta' Michaelangelo Bajada.
4. Fis-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2012) għall-ħabta ta' nofs in-nhar (12:00pm), fil-bini tal-Qorti, Ghawdex, fil-waqt li kien qed jagħmel reat kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, u dan mingħajr għan leġittimu.
5. Fis-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2012) għall-ħabta ta' nofs in-nhar (12:00pm), fil-bini tal-Qorti, Ghawdex, ġarr barra minn fond jew dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr liċenzja jew permezz mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija
6. Fis-sitta (6) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2012) għall-ħabta ta' nofs in-nhar (12:00pm), fil-bini tal-Qorti, Ghawdex naqas milli josserva xi kondizzjoni imposta mill-Qorti fid-digriet tagħha li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest, jew waqt li kien meħlus mill-arrest ikkometta dellitt li ma kienx wieħed ta' natura involontarja;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Paschalino Cefai datata l-25 ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn gie kkundannat tmintax –il xahar priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' tlett snin.

Rat il-fedina penali tal-hati.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Edward Gatt.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Lara Lanfranco.

Ikkunsidrat:

Minn ezami akkurat tal-fedina penali tieghu jirrizulta li Pasqualino Cefai beda jikser difru mal-ligi mill-1995 meta kellu biss 16-il sena u b'mod regolari kull sentejn kien qed jitressaq il-Qorti u jinstab hati ta' reati serji fil-konfront ta' persuna ohra. Mis-sena 2000 meta kellu wiehed u ghoxrin (21) sena infexx f'hajja sistematika ta' agressjoni u vjolenza kontra persuni u propjetà li baqghet sejra sa llum. Effettivament il-hati itterrorizza lil Ghawdex tul dan iz-zmien kollu u il-forzi tal-ordni ma waqfux milli jressqu lil hati il-Qorti, kull darba illi jikkommetti reat u l-Qorti b'sens ta' ottimizmu trattat lill-hati b'mod legger, sabiex jirrealizza din il-hajja f'xiex ser twasslu. Dan pero' qatt ma serva ghal-xejn u il-hati dejjem kompla f'din il-hajja ta' vjolenza u agressjoni illi huwa ghazel.

Kulhadd huwa il-konsegwenza tad-decizjonijiet illi jiehu

F'xi zmien il-hati ghazel illi jimxi fil-hajja tal-kriminalità, tal-vjolenza, "bullying" u aggressjoni biex fejn ma jasalx b'mod legittimu, jasal b'mod illegittimu bl-uzu tal-vjolenza. Meta il-hati ghazel illi jfittex kura ghal-dipressjoni li kellu kien ilu ghaddej f'din il-hajja ta' kriminalità u vjolenza ghal-hafna snin u minkejja illi kien qed jiehu il-kura, xorta baqa' ghaddej b'din il-hajja. M'hijiex skuza li jigi argumentat li dan ir-reat gie mwettaq meta il-hati kien taht influenza ta' dipressjoni, peress illi kien hu stess illi jwaqqaf illi jiehu l-kura fl-istess zmien.

Il-verdett tal-gurija popolari jghid dak li jghid u din il-Qorti f'dan l-istadju ma tistax tikkummenta dwar il-fatti, pero' lanqas ma tista' twarrab il-mod kodard u sfaccat ta' kif sar ir-reat *in faciem curiae* fejn il-hati ma hasibiex darbtejn, illi quddiem Qorti jwettaq dan ir-reat. Dan huwa tipiku tal-karattru tal-hati, illi ma ghandu rispett ta' xejn u lejn l-ebda awtorita'. Fejn minkejja li gie offrut soluzjoni ghal-problema finanzjarja li kellu ma' Joseph Portelli, ghazel li jwarrab din is-soluzzjoni u tipikament fil-kuntest tieghu, ghazel minflok li jinfexx f'din il-vjolenza u agressjoni illi taghhom instab hati.

Din il-Qorti ma tistax ma tharisx lejn dan l-incident b'mod l-aktar serju u gravi u bla tlaqliq tghid illi l-hati haqqu l-massimu illi l-ligi tippremetti f'dawn cirkostanzi, kif ukoll illi l-hati ma ghandux dritt igawdi minn l-ebda kunsiderazzjoni ta' attentwanti, bhall ma hu stess ma wera l-ebda kunsiderazzjoni jew hniena ghan-nies li huwa aggredixxa tul hajtu, inkluz dan il-kaz partikolari, fejn Joseph Portelli, ghal-darbtejn kien sottomess ghal-aggressjoni ingusta u mhux provokata da parti tal-hati.

Din is-sentenza ghandha tirrispetta il-volonta' tal-gurija popolari fil-verdett taghhom.

Hawnhekk forsi jkun opportun li l-Qorti tghamel daqxejn ta' *obiter* u tghamel kumment ghal-diskussjoni ghal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja. Il-Qorti tinnota b'sodisfazzjoni l-introduzzjoni tal-element ta' "disclosure" illi jghin hafna lil akkuzat fid-difiza tieghu. Dan abbinat mad-dritt moghti lil kull arrestat illi jekk irid, ikun assistiti minn avukat fil-bidu nett tal-arrest tieghu flimkien mar-regolarizazzjoni tad-diskrezzjoni tal-Avukat Generali fil-kaz ta' drogi taht il-Kap 101, ikomplu jiggarantixxu dak id-dritt ta' smiegh xieraq lil kull akkuzat igawdi taht il-kostituzzjoni. Però dawn id-drittijiet igibu maghhom obbligi wkoll u forsi dan id-dritt ta' "disclosure", tajjeb illi jkun bilancjat mal-fakulta illi gurija popolari tkun a konjizzjoni tal-fedina penali ta' persuna illi jkunu sejrin jiggudikaw u għaliex le, l-Magistrati u l-Imhallfin jkunu a konoxxjenza ta' fedina penali mill-bidu nett tal-process u hadd ma jallega xi pregudizzju jew lesjoni tad-dritt ta' smiegh xieraq. Il-gurati huma imhallfin ukoll, allura ghax ma ghandhomx ikunu jafu x'tip ta' persuna ghandhom quddiemhom? Jekk imputat jew akkuzat jaghzel li jixhed ma jkunx f'posizzjoni ahjar li jqisu x-xhieda skond id-dispost tal-art. 637 tal-Kap 9?

Il-Qorti tifhem illi din il-proposta hija xi haga innovattiva ghas-sistema guridika ta' Malta, b'oppozizzjoni qawwija ma min jahdem l-aktar fil-kamp penali. Però din ma hijiex xi haga gdida fis-sistema guridika, peress illi l-gurisdizzjoni Ingliza, maghrufa ghal-fehmiet konservattivi taghha, diga' qeda tintroduci din il- fakolta' lil gurija, fejn ir-rizultati wrew li l-fatt illi l-gurija jkunu jafu l-fedina penali tal-persuna li sejrin jiggudikaw, tghinhom fil-gudizzju taghhom, ghad illi din mhux necessarjament tissarraf f'aktar "convictions" milli kien hemm qabel. Din il-Qorti tifhem illi din il-proposta tirrikjedi hafna studju izda tajjeb illi tinbeda diskussjoni fuqha sabiex jigi determinat kemm u kif proposta bhal din jista' jkollha effett fuq is-sistema guridika Maltija.

Dana stabbilit il-Qorti tghamel referenza ghal-dak li inghad qabel dwar il-konsiderazzjoni tal-piena u tiddikjara illi f'dan il-kaz il-hati ma haqqu l-ebda hniena u ghandu jerfa fit-totalità il-piz kollu ta' ghemilu.

Ghalhekk,

Wara rat l-artikoli 28A u 28B, 31(1)(a)(b)(d)(e)(f), 49, 50, 64(1), 216, 221(1), 579(1)(2) u 533 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-artikolu 6, 51(7) u 55(a)(b) ta' L-Att dwar l-Armi (Kap 480)

Wara li qieset l-aggravju tar-recidiva, tikkundanna l-hati Paschalino Cefai ghal-hames (5) snin prigunerija ghal-ewwel hames akkuzi.

Ghar-rigward tas-sitt akkuza, filwaqt li tirrevoka d-digriet tal-helsien mill-arrest moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-7 ta' Dicembru, 2011, tikkundannah ghal-piena ta' sitt xhur prigunerija u wara li rat l-artikolu 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna il-konfiska tad-depozitu u l-garanzija personali favur il-Gvern ta' Malta talli ma osservax il-kundizzjonijiet imposti fuqhu fid-digriet taghha li bih inghata il-helsien mill-arrest.

Wara li rat l-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali, tordna wkoll illi s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) tigi fis-sehh.

Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lil hati ihallas l-ammont sitt elef, mija u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centenzmu €6120.29 bhala spejjez inkorsi f'dan il-process.

Tordna wkoll illi jekk il-garanzija personali u l-ispejjez ma jithallsux immedjatament, dawn jigu kkonvertiti f'terminu ta' prigunerija ai termini tal-ligi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------